Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 249/2012AE

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Saviour Portelli (ID 784450M) sija bil-polza ta' l-assikurazzjoni u sija bil-ligi, kif ukoll l-istess Saviour Portelli**

**vs**

**Kunsill Lokali Naxxar u Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

Il-Gimgha, 5 ta' Frar 2016

Permezz ta' rikors datat 24 ta' Lulju 2012 ir-rikorrenti ntavolaw proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn talbu li l-intimati jigu kkundannati jhallsu s-somma totali ta' hamest elef, mija u hamsa u disghin Ewro u ghoxrin centezmu (Eur5,195.20) rapprezentanti danni sofferti mir-rikorrenti in segwitu ghal incident awtomobilistiku illi sehh fit-12 t'Awissu 2010 fi Triq is-Salina, Naxxar meta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBQ 136 proprjeta' tal-assikurat tas-socjeta' rikorrenti, u misjuqa minn Edward Portelli, waqghet f'hofra fonda u skabruza illi thalliet fuq wicc it-triq in kwistjoni minghajr twissija jew senjalagg adekwat, u dana unikament b'negligenza, nuqqas ta' prudenza u imperizja da parti taghhom jew min minnhom. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimati.

Fir-risposta taghha[1] l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta eccepiet in linea preliminari li hija mhijiex il-legittimu kontradittur u ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti u dana peress li l-istess Awtorita' mhijiex responsabbli ghall-manutenzjoni, riparazzjoni u z-zamma fi stat tajjeb tat-triq fejn sehh l-allegat incident stradali u dana peress li tali triq ma tikkwalifikax bhala triq arterjali jew distributorja. Subordinament u bla pregudizzju ghal din l-eccezzjoni, hija opponiet it-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu.

Minn naha tieghu l-Kunsill Lokali tan-Naxxar[2] ukoll ressaq l-eccezzjoni li l-manutenzjoni u t-tiswija tat-triq in kwistjoni m'hijiex responsabbilta' tieghu kif ukoll li l-isprall in kwistjoni m'huwhiex proprjeta' tal-Kunsill. Sussidjarjament huwa rrespinga l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

[1] Fol 36.
[2] Fol 39.

Milli-atti jirrizulta li:-

i. Nhar it-12 t'Awissu 2010 ir-rikorrent Edward Portelli kien qieghed isuq il-vettura CBQ-136, registrata fuq missieru, fi Triq is-Salina direzzjoni minn naha t'Alla u Ommu sejjer lejn Bugibba;
ii. Hekk kif qabez it-triq li taghti ghall-Maghtab u kien ghaddej dritt, il-vettura waslet fil-liwja aktar 'il fuq, u malli dahar mal-liwja sab tappiera li kellha hofra kbira;
iii. It-*tyre* tan-naha tal-passiggier ta' quddiem baqa' diehel go din il-hofra, infaqa' u tghawweg ir-rim. Konsegwenza ta' hekk is-sewwieq tilef il-kontroll tal-vettura, dahar lejn il-lemin u wara li l-vettura laqtet il-bankina tal-karreggata opposta din inqalbet u spiccat f'ghalqa li kien hemm wara l-bankina;
iv. Is-sewwieq sofra griehi hfief izda l-vettura giet certifikata bhala *total loss;*
v. Xhud okulari li ra l-incident isehh xehed li s-sewwieq kien qieghed isuq b'certu speed izda mhux bi speed eccessiv[3];
vi. F'temp ta' ftit sighat wara li sehh dan l-incident il-hofra madwar it-tappiera giet irrangata minn xi haddiema. Ma giex determinat min kien inkariga t-tiswija ta' din il-hofra.
vii. Id-divergenza principali bejn il-partijiet, partikolarment dawk intimati, kienet aktar il-kwistjoni dwar min minnhom kien responsabbli ghal Triq is-Salina – u allura min kellu jwiegeb ghad-danni pretizi mir-rikorrenti - milli dwar id-dinamika ta' l-incident innifsu jew il-*quantum* tas-somma mitluba.

B'sentenza tad-9 ta' Gunju 2014, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) iddeciediet illi:-

(i) Tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali Naxxar u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju;
(ii) Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta;
(iii) Tilqa' t-talba attrici u, filwaqt illi ddikjarat illi hija l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta illi hija unikament responsabbli ghall-manutenzjoni ta' Triq is-Salina, Naxxar peress illi dina ghandha titqies bhala triq distributorja, iddikjarat illi, bhala rizultat, l-istess Awtorita' ghat-Trasport f'Malta hija unikament responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;
(iv) Tikkundanna lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta thallas lil GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' erbat elef, hames mija u sitta u ghoxrin Ewro u disgha u disghin centezmu (Eur4,526.99) u thallas lil Saviour Portelli is-somma ta' sitt mija u tmienja u sittin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (Eur668.21);
(v) Spejjez tal-proceduri inkluz dawk tal-Kunsill Lokali ikunu a karigu tal-

[3] Fol 112 – xhieda tas-Supretendent Antonello Grech, seduta tat-28 ta' Gunju 2013.

Awtorita' ntimata;

(vi) Bl-imghax mit-13 ta' Gunju 2011, data ta' l-ittra ufficjali lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, sad-data tal-pagament effettiv.

L-Awtorita' ntimata appellat minn din id-decizjoni. Il-Kunsill Lokali tan-Naxxar u r-rikorrenti wiegbu. Waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2015 deher l-appellat Saviour Portelli u d-difensuri tal-partijiet li ddikjaraw li ma kellhom xejn x'izidu mal-kontenut tar-rikors tal-appell u r-risposti rispettivi.

Il-Qorti rat l-atti.

**L-aggravju tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

L-ilment tal-Awtorita' appellanti huwa dwar il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti li tiddikjara Triq is-Salina bhala triq distributorja, bil-konsegwenza li poggiet ir-responsabilita' ghall-manutenzjoni tal-istess triq unikament fuqha. L-Awtorita' targumenta li mill-provi l-ewwel qorti kellha tikkonkludi li t-triq in kwistjoni la hi triq arterjali u lanqas distributorja. Ghaldaqstant, issostni li r-responsabbilta' ghaz-zamma fi stat tajjeb u l-manutenzjoni tappartjeni biss lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Fil-fehma taghha ghalhekk id-danni kellhom jithallsu mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

Il-qorti ser tghaddi biex taghmel riferenza ghall-provvedimenti tal-ligi.

**L-Att dwar il-Kunsilli Lokali** (Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta):-

<u>Artikolu 2</u>: *"triq" tinkludi kull triq, sqaq, misraħ, pont, xatt il-baħar, moll, jew post ieħor ta' passaġġ jew aċċess pubbliku.""*

<u>Artikolu 33</u>: **"***(1) Bla ħsara għas-subartikolu (2) u għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra li tkun isseħħ fiż-żmien, il-funzjonijiet ta' kull Kunsill Lokali jkunu:*

*(a) li jipprovdi biex tinżamm fi stat tajjeb u għall-manutenzjoni ta', jew titjib fi, kull triq jew mogħdija, li ma tkunx proprjetà privata:*
*Iżda l-manutenzjoni għar-rigward ta' xi triq jew mogħdija tinkludi l-kisi jew l-asfaltar tagħha, iżda ma tinkludix ir-rikostruzzjoni tagħha;*
*....*
*(d) li jipprovdi u jżomm fi stat tajjeb sinjali tat-toroq u marki tat-toroq xierqa, skont livelli nazzjonali u internazzjonali;*
*.....*
*(2)* ***<u>Toroq arterji u distributorji stabbiliti bil-Pjan ta' Struttura</u>****, monumenti nazzjonali, parks jew ġonna nazzjonali, estates industrijali, portijiet, ajruporti u territorji oħra nazzjonali, stabbilimenti, bini u oġġetti oħra mniżżla fir-Raba' Skeda li*

*tinsab ma' dan l-Att huma responsabbiltà tal-Gvern u, ħlief kif provdut skont is-subartikolu (1)(w) jew (x),* ***huma għal kollox esklużi mill-kompetenza ta' Kunsilli Lokali****.*

Ir-Raba' Skeda ta' dan l-Att teskludi mir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali it-*"toroq arterji u distributorji kif determinati mill-Pjan Strutturali."*

**L-Att dwar l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta** (Kap 499 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi kif gej dwar is-setghat u l-funzjonijiet taghha fir-rigward tat-toroq:

Artikolu 7: *"Mingħajr preġudizzju għas-setgħat u funzjonijiet mogħtija lill-Awtorità permezz tal-artikolu 6, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħat u l-funzjonijiet li ġejjin speċifikament b'konnessjoni mat-toroq u ferroviji u t-trasport stradali u bil-ferrovija:*
*......*
*(b) li tokkupa, tippjana, tiddisinja, tibni, tibni mill-ġdid, tamministra, tagħmel manutenzjoni, issewwi u tirrestawra toroq u li tipprovdi jew tiżgura jew tmexxi 'l quddiem provdiment għal dan kollu u wkoll li tipprovdi jew tiżgura provdiment ta' servizzi għal dawk l-għanijiet u timmaniġġa u tikkontrolla kull xogħol meħtieġ, inkluż l-ippjanar u l-ipprogrammar relattiv u l-ippjanar u l-ipprogrammar għall-bini u l-formazzjoni mill-ġdid ta' toroq eżistenti:*
*Iżda meta l-manutenzjoni ta' xi triq tkun taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Kunsill Lokali skond l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-manutenzjoni ta' dik it-triq ma għandhiex tkun, fil-qies ta' dik ir-responsabbiltà, il-funzjoni tal-Awtorità sakemm ma jkunx intlaħaq ftehim dwar dak bejn il-Kunsill Lokali u l-Awtorità:"*
*.....*

*(j) li tippjana, tiddisinja, tirregola u tawtorizza s-sinjali jew tabelli tat-traffiku fit-toroq, marki fit-toroq u miżuri għall-ikkalmar tat-traffiku, l-istallazzjoni ta' apparat għall-kontroll tat-traffiku u apparat relatat li jaħdem bid-dawl, il-kostruzzjoni ta' stoffi fit-toroq, u l-istallazzjoni ta' cameras tal-veloċità u faċilitajiet oħra tat-traffiku fit-toroq għal skopijiet ta' immaniġġar u kontroll tat-traffiku;"*

L-Avviz Legali 29 tal-2010 kif emendat (*Regolmenti tal-2010 dwar Toroq Godda u Xoghlijiet f'Toroq*) jipprovdi:-

Regolament 2*: "triq lokali" tfisser triq pubblika li ma tkunx triq arterjali jew triq distributorja."*
*.....*
*"manutenzjoni ta' rutina f'toroq" tfisser azzjonijiet li jittiehdu fuq bazi regolari biex triq, triq abitata jew pont jinzammu fi stat sigur u tajjeb ghall-uzu, azzjonijiet li jittiehdu biex fejn possibbli triq ma tithalliex tiddeterjora, u azzjonijiet li jittiehdu biex il-wicc ta' triq u l-gnub taghha jingiebu lura fi stat tajjeb; hi tinkludi, izda mhijiex*

*limitata ghal, mili ta' hofor….. "*

<u>Regolament 3</u>: "(*1) L-Awtorità ghandha tipprovdi, jew hi stess jew permezz ta' impriza, u fejn ikun adatt b'konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, ghall-kostruzzjoni, kostruzzjoni mill-gdid, twessiegh, tigdid, manteniment, titjib, immaniggar, manutenzjoni u klassifikazzjoni ta' toroq:*

***Izda fejn triq la tkun triq arterjali lanqas triq distributorja, il-manteniment, it-titjib u l-manutenzjoni taghha ghandu jipprovdi ghalihom il-Kunsill Lokali adatt skont l-artikolu 33 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali****".*

Maghdud ma' dan, mid-dokument dwar it-toroq arterji u distributorji ta' Malta mahrug mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u prezentat in atti mir-rapprezentant tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta[4] jirrizulta li l-Pjan tal-Istruttura kien identifika liema huma t-toroq distributorji u arterjali. Skond dokument NB1 (fol. 115), pubblikat mill-Awtorita' tal-Ippjanar, dawn it-toroq huma murija f'pjanta annessa mal-Pjan ta' Struttura.

Hu ghalhekk evidenti li ghal dik li hija manutenzjoni, toroq arterjali u distributorji huma fir-responsabbilta' tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta. Min-naha l-ohra t-toroq ohra jaqghu taht il-kappa tal-Kunsill Lokali.

L-Ewwel Qorti kkonkludiet li Triq is-Salina hija triq distributorja peress li tali triq tidhol fid-definizzjoni ta' *"triq distributorja"* kif definita mill-MEPA kif ukoll minhabba l-kontenut ta' korrispondenza mibghuta mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar. Dan wara li osservat li kellha taghmel hekk:

*"In vista tal-abdikazzjoni da parte kemm tal-MEPA kif ukoll tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta mid-doveri taghhom illi jindikaw b'mod car u minghajr ekwivoku u fuq bazi recent t-toroq arterjali u distributorji in operazzjoni f'Malta u Ghawdex, il-Qorti ser ikollha taghmel il-kostatazzjonijiet taghha, abbazi tar-regolamentazzjoni fuq indikata, sabiex tikkunsidra jekk Triq is-Salina ghandhiex tkun indikata bhala triq arterjali jew distributorja jew jekk ghandhiex titqies bhala triq taht il-kompetenza tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar".*

Fil-fehma ta' din il-qorti m'huwiex il-kompitu tal-qrati jikklasifikaw it-toroq.

Il-Qorti tosserva li:-

i. L-Awtorita' llum appellanti, permezz tar-rapprezentant taghha Nicholas

[4] Ezibit mix-xhud Nicholas Baldacchino a for 115.

Baldacchino[5] , tikkontendi li Triq is-Salina m'hijiex triq arterjali ghax tghaddi mill-kampanja u eventwalment tispicca tizbokka go Triq is-Salini. Id-dokumenti prezentati minn dan ix-xhud, partikolarment il-mappa mmarkata NB 2[6] (mahruga mill-MEPA) turi li t-toroq arterjali u distributorji tan-Naxxar huma biss tnejn: **Triq is-Salini** u **Triq il-Mosta**. Dan fil-fehma tal-awtorita' appellanti juri ghalhekk li *"Triq is-Salina m'hijiex triq arterjali principali u allura bhala rizultat il-manutenzjoni taghha ma' taqax taht l-awtorita' izda taqa' taht il-Kunsill li fiha tali triq tinsab",* cioe' dak tan-Naxxar.

ii. Huwa minnu li in kontro-ezami l-istess rapprezentant tal-awtorita' appellanti irrikonoxxa li *"jista' jkun illi bi zvilupp inbnew jew gew zviluppati certi toroq arterjali u distributorji, izda ahna marbutin b'dawn il-pjanti illi esebejt kopja taghhom bhala Dokument NB 1"*[7]*.*

iii. Minn naha l-ohra l-Kunsill Lokali tan-Naxxar, permezz tas-Segretarju Ezekuttiv tieghu Paul Gatt, jghid li ghalkemm *"**skont l-atti tal-Kunsilli Lokali din it-triq m'hijiex la wahda arterjali u la wahda distributorja** izda minn mindu saret rinovazzjoni totali ta' din it-triq, il-Kunsill Lokali tan-Naxxar qatt ma kien involut f'ebda spejjez f'din it-triq u kien dejjem jew l-ADT jew Transport Malta illi kienu jaghmlu x-xoghlijiet f'din it-triq."* Is-senjalatika tat-triq saret ukoll mill-ADT u l-Kunsill qatt ma gie konsultat. Il-Kunsill jistrieh ukoll fuq il-kontenut ta' korrispondenza li ghaddiet bejn l-awtorita' appellanti u l-Kunsill[8].

Maghmulin dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti tqis li:-

i. Il-klassifikazzjoni ezistenti tat-toroq arterji u distributorji fil-perjodu tal-incident in kwistjoni jappartjeni lill-Awtorita' ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar kif jirrizulta mill-Pjan ta' Struttura ghall-Gzejjer Maltin ta' l-1992. L-ahhar dokument pubblikat bil-pjanti skont il-lokalita' huwa f'Awissu 1999.

ii. Anke jekk ma ttiehdux passi biex din il-klassifikazzjoni tigi aggornata minn zmien ghal zmien fid-dawl tal-izviluppi magguri li sehhew fit-toroq Maltin mis-snin disghin 'l hawn, dan l-ezercizzju m'huwiex ta' kompetenza tal-qrati. L-Ewwel Qorti ghalhekk ma kellhiex tiddetermina x'tip ta' triq hi Triq is-Salina n-Naxxar. Ladarba l-mappa ufficjali tal-konfini tan-Naxxar mahruga mill-MEPA a fol 119 ghadha sal-lum turi biss Triq is-Salini bhala triq arterjali u Triq il-Mosta bhala triq distributorja, l-awtorita' appellanti ghandha ragun targumenta li Triq is-Salina la tista' titqies triq arterjali u

[5] Fol 122 et seq.
[6] Fol 119.
[7] Xhieda 23 ta' Mejju 2014 23 ta' Mejju 2014 a fol. 132.
[8] Email datata 30 t'Ottubru 2012 a fol 128 u ittra datata 11 t'Awissu 2004.

lanqas distributorja;

iii. Is-segretarju tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar stess ikonferma li Triq is-Salina m'hijiex triq distributorja jew arterjali. Il-Kunsill ma jistax jigi ezonerat mill-obbligi ta' manutenzjoni gialadarba skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali hu responsabbli ghal manutenzjoni tat-toroq u ezonerat biss mit-toroq arterji u "stabbiliti" mill-Pjan Lokali[9]. 'Il fatt li l-Kunsill qal li qatt ma wettaq manutenzjoni tat-triq ma jezonerahx gialadarba jidher li t-triq ghadha sal-lum ma gietx klassifikata bhala triq distributorja jew arterjali.

iv. Min-naha l-ohra rrizulta wkoll mill-provi li l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta matul is-snin interveniet ukoll fuq il-manutenzjoni u riparazzjonijiet ta' Triq is-Salina[10]. Is-senjalatika fit-triq in kwistjoni ukoll hadu hsiebha l-awtorita' appellanti[11]. Ghalhekk ladarba l-awtorita' appellanti stess assumiet responsabiltajiet fuq din it-triq, ghandha wkoll responsabbilta'.

v. L-*email* tad-29 t'Ottubru 2012[12] tindika li kienet l-awtorita' llum appellanti li ghamlet *resurfacing* tat-Telgha t'Alla w'Ommu (li tifforma parti minn Triq is-Salina) izda din l-ittra tghabbi wkoll lill-Kunsill Lokali appellat (flimkien mal-Pulizija) bir-responsabilta' kongunta tal-harsien u l-prevenzjoni tal-manutenzjoni li saret f'din it-triq.

vi. L-ittra tal-11 t'Awwissu 2004 pero' ma hija ta' ebda komfort ghall-Kunsill appellat. Ghalkemm it-titolu tal-ittra huwa "Re: Il-Bypass tas-Salina – Birguma", is-sustanza ta' dik l-ittra ma tistax tigi nterpretata bhala applikabbli u riferibbli ghal Triq is-Salina. Huwa car li l-klassifikazzjoni ta' "Distributor Road" hija ntiza ghall-*by-pass road* il-gdida li fiha saru xi xoghlijiet fuq is-service roads. Triq is-Salina la kienet gdida fl-2004 u lanqas fiha *service roads*. Ghandha ragun ghalhekk l-awtorita' appellanti targumenta li din l-ittra kienet qeghda taghmel referenza ghall-bypass gdida li llum hija maghrufa bhala Birguma Bypass.

Ma tressaq ebda aggravju mill-awtorita' appellanti dwar id-dinamika tal-incident awtomobilistiku in dezamina u lanqas dwar l-ammont ta' danni akkordat lir-rikorrenti mill-ewwel Qorti u din il-Qorti ma tara ebda lok il-ghala hija ghandha tinterferixxi f'l-ezercizzju ta' dik id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' parzjalment l-appell tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u ghalhekk tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Gunju 2014 billi:-**

---

[9] Fit-test Ingliz *"determined"*. Il-ligi ma tghidx *"as defined by the Structure Plan"*. Ghalhekk jidher li l-Artikolu 33(2) tal-Kap. 363 ghandu jigi nterpretat fis-sens li t-toroq u distributorji huma dawk li jissemmew fil-pjan ta' struttura.

[10] Ara xhieda ta' Paul Gatt a fol 134.

[11] Xhieda Paul Gatt ghan-nom tal-Kunsill Lokali a fol 126 kif konfermat minn Nicholas Baldacchino ghan-nom tal-awtorita' appellanti a fol 123.

[12] Fol 128.

**1. thassarha f'dik il-parti fejn laqghet l-eccezzjonijiet tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar u minflok:-**

**i. tichad l-eccezzjonijiet tal-istess Kunsill Lokali tan-Naxxar u tiddikjarah solidalment responsabbli flimkien mal-konvenuta l-ohra ghall-incident meritu tal-kawza.**

**ii. tikkundanna lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar sabiex solidalment mal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef hames mija u sitta u ghoxrin ewro u disa' u disghin centezmu (€4,526.99) u sitt mija u tmienja u tmenin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€688.21) lill-attur Saviour Portelli, bl-imghax skond kif ordnat l-ewwel qorti.**

**2. Tikkonfermaha ghal kumplament.**

**Spejjez tal-ewwel istanza huma solidalment a karigu tal-konvenuti, filwaqt li fir-rigward tal-appell l-ispejjez:-**

**i. Tal-attur huma solidalment a karigu tal-konvenuti;**

**ii. Tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta jithallsu nofshom mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar;**

**iii. Tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar jithallsu minnu.**

Anthony Ellul.